BIRGU
Citta' Vittoriosa

**Kunsill Lokali Birgu**

**Head Office** – Auberge de France, Triq Hilda Tabone, Birgu BRG 1253 Tel : 21662166
e.mail : birgu.lc@gov.mt website : www.birgu.gov.mt

---

# Minuti tal-laqgħa 25 (06) kontinwazzjoni

Il-Kunsill Lokali tal-Birgu ltaqa' għal laqgħa numru 25 fl-uffiċini amministrattivi tal-Kunsill fil-Berġa ta' Franza nhar it-Tnejn, 2 ta' Diċembru, 2013 fil-5.30 ta' filgħaxija fil-Berġa ta' Franza.

## Prezenti

Is-Sindku s-Sur John Boxall, il-Viċi Sindku, S-Sur Trevor Mizzi, l-Kunsilliera s-Sur Anton Gellel u s-Sur Lawrence Attard.

Is-Sur John Boxall daħal għal-laqgħa fis-6.05 ta' filgħaxija.

Is-Sur Alan Cassar kien skuzat.

Is-Sinjura Isabella Testaferrata De Noto, Deputat Segretarja Ezekuttiv.

## Talba

Is-Sindku s-Sur John Boxall qal it-talba u ta bidu għal-laqgħa ta' kontinwazzjoni. Is-Sindku skuza ruħu li wasal tard peress li kien nqabad xogħol.

1 Korrispondenza

1.1 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li kellhu nhar il-Ġimgħa ma' rapprezentanti tal-kumpanija Palombo dwar il-fatt li din il-kumpanija xtaqet tagħmel *U-bars* bil *promotional material*. Huma pproponow li dawn isiru mill-istess kuntrattur li għamel il-*U-bars* l-oħra fil-lokalita' u kienu ser joffru li jagħtu donazzjoni għal *party* tal-Milied li ser isir għat-tfal. Is-Sindku qal li din l-Kumpanija qed tagħmel proġetti f'ħafna lokalitajiet. Barra minn dan din il-kumpanija kienet ser tkopri l-ispejjez kollha relatata biex isiru dawn il-*U-bars* bil *promotional material*.

1.2 Is-Sindku tkellem ukoll dwar il-laqgħa li kellhu mas-Sindku ta' Bormla sabiex l-attività' li jorganizza l-Kunsill tal-Birgu għal-anzjani tal-lokalita' li qegħdin fid-djar tal-anzjani f'Bormla, l-Isla u Zejtun kif ukoll fid-Dar ta' Ħas-Serħ isir flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Bormla. Is-Sindku staqsa jekk din is-sena kinitx ser tiġi organizzata din l-attivita'. Is-Sur Attard qal li jekk hemm fondi kien jaqbel li din is-sena terġa' ssir attivita' għal dawn l-anzjani. Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li din l-attivita' tiġi organizzata flimkien mal-Kunsill Lokali tal-Bormla.

Is-Sur Attard qal li kien ser jitkellem mas-Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Bormla kif ukoll kien ser jiċċekja kemm hemm anzjani mil-lokalita' tal-Birgu f'dawn id-djar. Il-Kunsill qabel unanimament li dan l-attivita' ssir flimkien mal-Kunsill Lokali ta' Bormla wara li jiġi diskuss magħhom id-dettalji ta' din l-attivita'.

1.3 Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment tal-Kriminologija fl-Universita' ta' Malta dwar konferenza li ser isir nhar il-Ġimgħa, 6 ta' Diċembru 2013 fid-9 ta' filgħodu fl-Ewropa House. Is-Sur Attard informa lill-Kunsill li kien ser jattendi għal din il-konferenza.

1.4 Is-Sindku ressaq ir-rapport dwar il-proġett tas-Solar Farm li tħejja mill-kumpanija Galea Curmi Engineering. Is-Sindku qal li kien talab lid-Deputat Segretarja Ezekuttiv tibgħat ittra lill-MEPA dwar il-fatt li dan ir-rapport kien għadu ma tħejjiex għal raġunijet li kien hemm bdil fis-Segretarja Eżekuttiv imma din l-ittra ma ntbgħatitx peress li ma kienx hemm qbil fil-kontenut ta' l-ittra. Is-Sindku qal li kien kellem lis-Sur Gingell u fehem is-sitwazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku qal ukoll li kien kellem lill-Onorevoli Kondrad Mizzi u issa dan il-proġett miexi.

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv f'korrispondenza lil bagħtet lill-Kunsill dwar dan is-suġġett qalet li hi ma kinitx taqbel mal-kontenut ta' l-ittra peress li r-rapport ma kienx intbgħat lill-Awtorita' tal-Ippjannar għax kien għadu ma tlestiex mill-inġinir u ma kienx ġust li tingħata l-impressjoni li dan ir-rapport ma nbgħatx minħabba li kien hemm bdil tas-Segretarja Eżekuttiv. Is-Sindku qal li l-għan tiegħu ma kienx li jitfa dell ikrah fuq ħadd.

1.5 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' Marsaxlokk u l-Kunsill Lokali ta' Raħal Gdid fejn ilmentaw bin-nuqqas ta' servizz ta' l-Eco wardens. Is-Sindku qal li l-Kunsill Lokali tal-Birgu ma kienx qed jagħmel uzu minn dan is-servizz.

Is-Sindku staqsa lill-kunsillier is-Sur Attard jekk waqt il-laqgħa tar-Reġjun Xlokk kienx intqal li kienu ser jintbgħatu l-gwardjani lokali fil-lokalita'. Is-Sur Attard qal li kien ser ikellem lir-Reġjun Xlokk.

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien kiteb lit-Tribunal tal-Fgura dwar il-fatt li nhar il-Gimgħa, 29 ta' Novembru 2013 inbgħatu gwardjani lokali fil-Birgu. Is-Sindku qal li suppost is-servizz tal-gwardjani lokali fil-lokalita' tal-Birgu mhux qiegħed jingħata u qal li fil-lokalita' ma hawnx gwardjani. Għalhekk is-Sindku qal li kien qed izomm lit-Tribunal responsabbli għal dak li jista' jinqala. Is-Sindku qal li s-Sur Joe Borg nfurmah li anke jekk il-Kunsill ma jridx li jkollu gwardjani fil-lokalita', issa kienet deċizjoni tar-Reġjun u mhux tal-Kunsill.

Is-Sur Attard qal li l-aħħar laqgħa ma kienx attenda peress li kien imsiefer u l-aħħar li kien mar il-laqgħa ġiet posposta minħabba li ma kienx hemm quorum u kienet inbidlet id-data tal-laqgħa. Is-Sur Attard qal li kien ilu ma jirċievi l-minuti u korrispondenza tar-Reġjun Xlokk. Is-Sindku talab lid-Deputat Segretarja Ezekuttiv sabiex tinstab il-korrispondenza tar-Regjun Xlokk u jekk dawn ma nbgħatux lis-Sur Attard, tinħareg *warning* lill-impjegat/a li kellu l-istruzzjoni li jibgħat din il-korrispondenza.

Is-Sindku qal li tkellem ukoll mal-President tar-Reġjun u ġie nfurmat li s-Sur Attard kienu ilu ma jattendi għal-laqgħat. Is-Sindku qal li s-Sur Attard kien tilef laqgħa peress li kien rikoverat l-isptar. Is-Sindku qal li hu ma jattendiex għal-laqgħat tar-Reġjun peress li ma jaqbilx mar-Reġjuni imma l-Kunsill għandu rapprezentant. Is-Sindku qal li ma jaqbilx li Reġjun jiddeċiedi hu meta jibgħat lill-gwardjani lokali mingħajr mal-Kunsill Lokali jiġi kkunsultat. Kif ukoll li l-Kunsill m'għandux finanzi biex ikopri l-ispiza tal-gwardjani lokali peress li dħul huwa biss 10% u dawn mhux bizzejjed biex ikopri din l-ispiza. Is-Sindku qal li minn meta il-kontravenzjonijiet ġew taħt ir-responsabilita' tar-Regjuni, il-Kunsill tilef l-ammont ta' madwar €94,000 u għalhekk il-Kunsill kien jinsab f'diffikulta finanzjarja.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien baqa' fis-sistema tar-Regjuni madanakollu ma kienx jaqbel li r-Regjun jieħu deċizzjoni li jibgħat lill-gwardjani fil-lokalita' tal-Birgu.

Is-Sur Gellel qal li jekk il-Kunsill jibqa fis-sistema irid jimxi mar-regolamenti tar-Reġjuni u għalhekk staqsa għaliex il-Kunsill ma joħrogx mis-sistema la ma jaqbilx dwar dan. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx jaqbillu li joħrog mis-sistema tar-Regjuni. Is-Sindku qal li talab bil-miktub, li r-Reġjun kien qed jibgħat il-gwardjani lokali fil-lokalita' sabiex ir-residenti jiġu nfurmati li għalkemm il-Kunsill Lokali ma kienx jaqbel li fil-lokalita' jiġu l-gwardjani lokali id-deċizjoni kienet qed tittieħed mir-Reġjun.

1.6 Inqrat korrispondenza mibgħuta mid-Dipartiment Propjeta' tal-Gvern dwar il-propjeta Berġa ta ' Franza li hi mikrija lill-Kunsill Lokali mil-15 ta' Frar 2012 u li l-kont tad-dawl u l-ilma għadu ma ġiex trasferit u ghaldaqstant il-kontijiet għadhom joħorġu f'isem id-dipartiment. Il-Kunsill ġie mitlub jimla l-formoli neċessarji u jitħallsu l-kontijiet pendenti.

Is-Sindku qal li kien informa lid-Dipartiment li dan kien għadu ma sarx peress li sa llum l-istess Kunsill mhux qiegħed iħallas kera tal-post u dan bi ftehim mad-Dipartiment tal-Artijiet peress li għadhom għaddejjin ix-xogħolijiet ta' restawr fl-istess binja. Is-Sindku talab lid-Dipartiment jinfurmah li jekk jaħseb li l-Kunsill Lokali għandu jibda jħallas id-dawl u l-ilma jsiru l-arranġamenti neċesserji sabiex jintlaħaq ftehim minn mindu għandu jibda jitħallas dan il-ħlas.

1.7 Is-Sindku qal li għal post vakanti ta' Uffiċjal Eżekuttiv skala 13, il-Kunsill kien irċieva applikazzjoni waħda dik mingħand l-impjegata klerikali s-Sinjura Lara Mascena. Is-Sindku ppropona li s-Sinjura Lara Mascena tinħatar Uffiċjal Eżekuttiv fi skala 13 b'effet mil-1 ta' Jannar 2014. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.8 Is-Sindku informa lill-Kunsill li għas-sejħa interna ta' skrivana skala 15 ma kien applika ħadd u għalhekk inbgħatet talba lill-Korporazzjoni ta' Impjieg u Taħriġ sabiex tintbgħat lista ta' kandidati prospettivi għal din il-kariga.

1.9 Inqrat memo 28/2013 dwar ir-rizultat tal-għazla ta' pool ġdid ta' Segretarji Eżekuttivi prospettivi fejn ġie mitlub li jibda l-proċess tal-għazla ta' Segretarju Eżekuttiv ġdid f'kull lokalita' jew Reġjun fejn hemm Aġent jew Deputat Segretarju Eżekuttiv.

1.10 Inqrat korrispondenza dwar li l-Kunsill Lokali xtaq jorganizza attivita' *Open day* fil-Muzew ta' Tieni Gwerra Dinjija u Xelter li jinsabu f'Couvre Porte, il-Birgu. Il-Kunsill issuġġerixxa li r-residenti u dawk li huma mil-Birgu jidħlu mingħajr ħlas.

Il-Kunsill ġie ffurmat mill-Fondazzjoni Wirt Artna li dawk iċ-ċittadini li għandhom *ID Card* tagħhom fuq il-Birgu biss setgħu jidħlu b'xejn sabiex jiġi evitat problemi kbar u peress l-ispejjez kbar involuti fit-tmexxija ta' dan il-Muzew.

Is-Sindku qal li l-kera ta' Xelter qed titħallas mil-Kunsill u għalhekk huwa l-Kunsill Lokali li jiddeċiedi. Is-Sindku qal li jekk ma jingħatax din il-possibilita' li tittella' din l-attivita' ser jitlob lill-Fondazzjoni Wirt Artna sabiex tiftaħ dan ix-Xelter.

1.11 Is-Sindku nfurma lill-Kunsill li Fondazzjoni Wirt Artna talbet sabiex jitwaħħlu *boards* li joffru tagħrif u spjega dwar il-post pubbliku. Is-Sindku qal li f'dan il-mument il-Kunsill ma kienx ser jagħti l-approvazzjoni li jiġu nstallati *boards* li ma jkunux kompatibli mal-post storiku fiz-zona Couvre Porte.

1.12 Inqrat korrispondenza dwar il-fatt li fil-Kunsill ġew rapprezentanti mill-kumpanija ta' Nexia Bt li l-Kunsill għandu kuntratt magħhom. Is-Sindku esiga li hu kellhu jkun prezenti għal-laqgħa li Deputat Segretarja Eżekuttiv kellha ma' dawn ir-rapprezentanti u għalhekk talab spjegazzjoni.

Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li r-rapprezentanti tal-Kumpanija ta' Nexia BT ġew biex jibdew jagħmlu x-xogħol relatat maż-żamma tal-kotba finanzjarji kif ġie mitlub fid-dokument tas-sejħa ta' l-offerti għall-Public Certified Accountant. Id-Deput Segretarja Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien ilu bit-*tender* skadut għal dan is-servizz u għalhekk bħala Deputat Segretarja Eżekuttiv responsabbli mil-amminitrazzjoni u zzamma ta' finanzi tal-Kunsill, riedet li sa l-aħħar tas-sena l-Kunsill ikollu l-kotba finanzjarji mizmuma skond kif mitlub mil-ligi.

1.13 Inqrat korrispondenza mibgħuta dwar ir-rapporti finali tal-proġett Oralties li ġew sottomessi għal ħlas ta' fondi mill-Unjoni Ewropea fejn il-Kunsill ġie nfurmat li għalissa ma kienx hemm ħjiel meta ser jingħataw l-fondi relatati ma' dan il-proġett.

1.14 Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni sabiex jittella' Birgu Fest 2014 kienet inbagħtet.

1.15 Is-Sindku ressaq korrispondenza mibgħuta mid-Deputat Segretarja Eżekuttiv dwar ħlasijiet pendenti fejn ġie mitlub sabiex jitfassal pjan ta' kif ser isiru dawn il-ħlasijiet. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-kumpanija Amabile, mal-kumpanija Euro Clean kif ukoll mal-kuntrattur Vella Ltd.

1.16 Inqrat korrispondenza mibgħuta mil-Perit Joseph Spiteri lill-Awtorita' tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni PA 2758/13 sabiex jiġi nstallat Platform Lift sabiex il-Knisja Parrokjali San Lawrenz fi Triq San Lawrenz tkun aċċessibli.

1.17 Is-Sindku ressaq applikazzjoni għall-Kompetizzjonijiet Nazzjonali tal-Presepji – Milied 2013 organizzata mill-Kunsill Malti għall-Kultura u l-Arti. Is-Sindku qal li l-wirja tal-presepju ser tkun fil-bini amministrattiv tal-Kunsill.

1.18 Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Fondazzjoni RISe dwar maratona ta' ġbir ta' fondi fil-*parking* ta' quddiem il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin nhar il-Ħadd, 1 ta' Diċembru 2013.

1.19 Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Soċjeta' Storiko Kulturali Vittoriosa dwar il-Palazz residenzjali tal-Kapillani ta' l-Ordin fi Triq il-Papa Alessandru VII fejn id-Dipartiment tal-Muzew kien waqqaf lapida tal-irħam b'tagħrif storiku. Din l-irħama kienet ġarbet ħsara u hemm proċeduri gudizzjari kontra minn għamel dan id-dannu. Il-Kunsill intalab sabiex jerġa jagħmel din il-lapida.

Is-Sindku qal li din il-lapida kienet ittieħdet mill-Pulizija ta' Ħaż-Żabbar peress li kien hemm inkjesta u talab sabiex jiġi kkuntatjat lis-spettur u tintalab sabiex din il-lapida tingħata lura lill-Kunsill sabiex tiġi restawrata u titwaħħal mal-faċċata tal-Palazz.

1.20 Is-Sindku ressaq ir-rapport mħejji mill-Perit Claude Busuttil dwar il-proġett biex jiġi nstallat lift fil-Berġa ta' Franza sabiex tkun aċċessibli għal kulħadd. Is-Sindku ppropona sabiex issir l-applikazzjoni u jinġibu l-permessi tal-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex ikun jistgħa jitwettaq dan il-proġett, Il-Kunsill qabel unanimament li ssir l-applikazzjoni.

1.21 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien ser jiġi organizzat riċeviment fil-Berġa ta' Franza għar-residenti barranin li joqgħodu fil-Birgu nhar is-Sibt, 14 ta' Diċembru 2013 fid-9.30 ta' filgħaxija.

1.22 Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li fil-kuntratt ta' Ġbir ta' Skart Domestiku l-*bill of quantities* kienet għal sena waħda biss kif ukoll hemm imnizzel li l-kuntratt huwa għal sena. Is-Sindku talab sabiex dan il-kuntratt jiġi mġedded peress li l-Kunsill jinsab sodisfatt bis-servizz li kien qed jagħti dan il-kuntrattur.

Id-Deputat Segretarja Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li meta ntbagħtu linja gwida fuq il-kuntratt ta' Ġbirt ta' Skart kien jistabillixxi li r-rati kellhom jintalbu għall-erba' snin u mhux għal sena u għalhekk kienet ser titlob il-parir tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fuq dan il-kuntratt.

2.0 Approvazzjoni ta' finanzi

Il-Kunsill approva unanimament il-lista ta' pagamenti li għal perjodu ta' matul l-1 ta' Novembru 2013 u 2 ta' Diċembru 2013 li kien jammonta għall-€24,829.34.

Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-8.30 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Ezekuttiv

ikkonfermati John Boxall
Sindku